REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 647/2011

tal-4 ta' Lulju 2011

li jikkorreġi l-verżjoni Slovena tar-Regolament (UE) Nru 258/2010 li jimponi kundizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjoni tal-guar gum li joriġina jew li jkun ġej mill-Indja minħabba r-riskji ta' kontaminazzjoni mill-pentaklorofenol u d-dijossini, u li jirrevoka d-Deċiżjoni 2008/352/KE

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u r-rekwiżiti tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(ii) tiegħu,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) Nru 258/2010 [2] li jimponi kundizzjonijiet speċjali fuq l-importazzjonijiet tal-guar gum u li jirrevoka d-Deċiżjoni 2008/352/KE. Fil-verżjoni tal-lingwa Slovena ta' dak ir-Regolament, il-kliem "operaturi kummerċjali tal-għalf u tal-ikel" ġie tradott b'mod mhux korrett u għalhekk jeħtieġ li ssir korrezzjoni ta' dik il-verżjoni lingwistika. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 258/2010 għandu għalhekk jiġi korrett skont dan.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-regolament li jikkorreġi jikkonċerna biss il-verżjoni Slovena.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Lulju 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

[1] ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
[2] ĠU L 80, 26.3.2010, p. 28.